MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

**12 ta' Ġunju 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg– Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar– Kunsillier
Liam Gauci– Kunsillier
Anthony Buttigieg– Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja– Kunsillier
Herbert Conti– Kunsillier
John Mizzi– Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
John Borg - Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier (bi żball amministrattiv ma kinitx notifikata)
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**ASSENTI**
Mark George Abdilla – Kunsillier
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, u s-Sur John Mizzi.

Għal din il-laqgħa ma kienx hawn il-preżenza tal-pubbliku.

**66.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

66.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

66.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva żewġ ittri ta' apoloġiji, dik tal-kunsillier is-Sur John Borg li kien imsiefer, u taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar is-Sur Matthew Mangion li kien xogħol. Il-Kunsill aċċetta dawn l-appoloġiji.

**66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

66.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 65 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja, il-minuti ġew approvati bħala dokumenti korretti.

66.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg saqsa jekk kellniex xi żviluppi dwar il-ġemellaġġ ma' Santa Elena f'Venezja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn l-affarijiet mat-Taljani jieħdu ż-żmien, imma qed isir sforz biex nidħlu f'dan il-ġemellaġġ b'fondi ta' l-Unjoni Ewropea "Europe for Citizens".

**66.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

66.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-attivita "Birkirkara maż-Żminijiet" din is-sena kellha titħassar minħabba attivita' politika. Dan sar b'konsultazzjoni ma' l-għaqdiet Karkariżi.

Fil-6.06pm daħal fil-kamra l-Kunsillier is-Sur Antoine Attard.

**66.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

66.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**66.5 Skart *WEEE***

66.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellna proposta mingħand Greenpak biex dawn jibdew jiġbru l-iskart WEEE huma b'xejn. Dan kien ifisser illi l-Kunsill jiffranka l-flus minn fuq il-*bulk refuse*. Greenpak se jqabbdu l-istess kuntrattur li qed nużaw aħna u mhux se jkollna skossi fis-servizz. Il-Kunsilliera qablu kollha li dan il-ftehim jiġi ffirmat peress illi kien ta' benefiċċju għall-Kunsill

**66.6 *Local Government Community Innovation Fund***

66.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Ċirkulari 13/2017, fejn fiha d-dipartiment tal-Kunsilli qed iniedi inizzjattiva finanzjarja relatata ma' l-innovazzjoni flimkien mar-reġjuni.

66.6.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi hemm skema oħra għand ir-reġjun, din id-darba għat-toroq, fejn hemm allokati nofs miljun bejn ir-reġjuni kollha. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet lis-Segretarju jgħaddi xi stimi li għandna lir-reġjun biex ikunu kunsidrati.

66.6.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal ukoll illi r-reġjun taċ-ċentru se jingħata 200,000Euro fuq dak ir-rapport li kien sar fuq is-sitwazzjoni soċjali tar-reġjun. Ir-reġjun se jkun qed jimpjega persuna espert fuq fondi Ewropej fejn dan se jitqassam erba' siegħat fil-ġimgħa fuq kull kunsill għal sena sħiħa. Se jkunu qed jiġu mistiedna ukoll l-għaqdiet.

66.6.4 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal ukoll illi bħala reġjun se jiġi ffurmat kumitat soċjali li se jkun qed jiltaqa' ma' l-NGOs rigward problemi speċifiċi per eżempju ta' anzjanita', solitudni, u faqar soċjali. Biex il-problemi jiġu attakkati f'daqqa u mhux kull NGO għal rasha.

66.6.5 Rigward iċ-ċirkulari 13/2017, is-Sindku qed tipproponi illi nsejħu lis-Sur Maurizio Banavage tal-*Vintage Computers* u lis-Sur Joe Woods, espert fl-innovazzjoni, biex issir applikazzjoni għall-kamra li hemm fl-istazzjon li kien ta' l-EneMalta, biex jinqaleb f'sit ta' kultura. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami wissa illi s-saqaf jista' jkun ikkundannat u se tintalab kjarifika mill-perit. F'dawn il-laqgħat mas-Sinjuri Banavage u Woods niddeċiedu jekk napplikawx għall-kmamar jew jekk napplikawx għal fejn hemm il-bini antik bil-latrini mbarrati.

**66.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

66.7.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Ħadd ma sab oġġezzjonijiet.

66.7.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 48 kienet approvata mingħajr mistoqsijiet fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg issekondata mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreċiża illi spejjeż relatati ma' l-attivita' "Birkirkara maż-Żminijiet" bħal per eżempju l-*barriers* tal-pulizija se nieħdu *refund* tagħhom.

66.8.3 Għalkemm kien diġa' għaddha l-ħin tal-mistoqsijiet, is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ppermettiet liil-Kunsillier is-Sur Antoine Attard sabiex isaqsi xi mistoqsijiet.

66.8.4 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard issuġġerixxa illi jsiru panneli informattivi madwar postijiet storiċi ta' Birkirkara, u ta eżempju bħal ma sar fil-Mellieħa. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi se naraw x'jista' jsir.

66.8.5 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal li għandu kuntatti mal-organizzazzjoni LEAP u jaħseb illi għandna nitkellmu magħhom ħalli naraw x'jista' jsir fuq problemi soċjali. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet lis-Segretarju biex jistieden lil-LEAP fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

66.8.6 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal li hija x-xewqa tiegħu li jsir kumitat biex jieħu ħsieb l-akkwadotti bejn numru ta' entitajiet. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi dan diġa' jieħdu ħsiebu l-*heritage*.

66.8.7 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal illi t-taraġ li hemm fil-Wied fuq il-latrini huwa perikoluż. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li nafu bil-problema u qed naraw kif jista' jsir xogħol

tajjeb mingħajr ma nonfqu ħafna flus, minħabba li l-ewwel indikazzjoni li kellna kien illi l-proġett jiġi jiswa madwar 6,000 euro.

**66.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 10 ta' Lulju 2017 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 10 ta' Lulju 2017.

IFFIRMATA

Joanne Debono Grech
Sindku

IFFIRMATA

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv